# E. BOATS

Sbatax-il waħda ġew, minn art imgħaddba,
Ħfief fuq il-mewġa bħal għasafar fl-ajru,
Mgħammra b'għodda qerrieda biex l-imriekeb
Li ġiebu l-ħajja lill-Maltin itajru.

Ġew fil-qalba tal-lejl, biex ikun wenshom
Id-Dlam li ma jarax; bid-deh'n tal-ħjiena
Resqu bla ħoss lejn fomm il-Port u kiefra
Rażżnu ġo qalbhom kull tqanqil ta' ħniena.

U x'naf xiħadd li mtamma kien imexxi
Il-miġfna ċkejkna għala Rebħa Kbira,
Kienx beda jfantas ta' Ġieħ kbir il-Għelma,
U ta' hena bla tarf ġarrabx tferfira!

Iżd'għarriexa fid-dlam kien hemm moħbija
L-Imħabba għajjura ta' din l-Art Ħanina;
Hi rat u semgħet u thejjiet imħeġ'ġa
Għal taqbida bla nifs, tajba u ħażina.

Intagħta l-Amar; minn kull borġ imwettaq
Infetħu ħluq tan-nar, u nebħu sewwa:
L-ajru mtela twerdin, damdim li jtarrax,
U xita ta' l-azzar ġiet fuq l-egħdewwa.

Damet sejra t-taqbida, għax qalbiena
Kienu ż-żgħażagħ li ġew għall-qirda tagħna;
Iżda Malta ma nsietx id-drawwa tagħha:
Tiġġieled, tirbaħ u bil-ġieħ tistagħna.

Sbatax-il waħda ġew, sbatax-il waħda
Sabu qabarhom fuq ix-xtut tal-Gżira;
Anqas waħda ma reġgħet lejn pajjiżha,
Biex tgħid il-Għajb ta' din it-Telfa Kbira.

DUN KARM

R. MIFSUD BONNICI

5—11—'39.

R. MIFSUD-BONICI

R. MIFSUD-BONICI